MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 11/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edgar Publio Bonnici**
**[recte: Edgar Publio Bonnici Cachia]**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell interpost minn Edgar Publio Bonnici sive Bonnici Cachia (hawn aktar il quddiem, “Bonnici”) minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Jannar 2010.

**2.** L-imsemmi Bonnici (bin Henry u Emma nee Cachia, imwieled fit-28 ta’ Lulju 1950, detentur tal-karta tal-identita` nru 632650M) tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-3 ta’ Novembru 2008 akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fix-xahar ta’ Gunju 2008 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda (**i**) b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi €2,329.37 a dannu ta' Rita Borg mill-Kappara, (**ii**) dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir usu minnha specifikat, u cioe` ha u zamm ammont ta' flus li jeccedi l'€2,329.37 a dannu tal-imsemmija Rita Borg, (**iii**) xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat falza; huwa kien akkuzat ukoll (**iv**) li kien recidiv fit-termini tal-Artikoli 49 *et seq.* tal-Kodici Kriminali. Din l-ahhar akkuza, pero`, giet irtirata mill-Avukat Generali billi ma gietx inkluza fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu tat-13 ta' Frar 2009 (fol. 129). Fl-istess gurnata li fiha tressaq b'arrest fuq dawn l-imputazzjonijiet, cioe` fit-3 ta' Novembru 2008, huwa nghata l-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri.

**3.** Il-Qorti Inferjuri – issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li kien hemm il-kunsens kemm tal-Avukat Generali kif ukoll tal-imputat ghall-procedura sommarja – ippronunzjat is-sentenza taghha fit-18 ta' Jannar 2010. Dik il-Qorti ma sabitx lil Bonnici hati skond l-ewwel imputazzjoni, cioe` ta' truffa, izda sabitu hati tar-reat minuri, izda kompriz u involut, ta' frodi innominata skond l-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali; sabitu wkoll hati skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjonijiet; u kkundannatu ghall-piena ta' sittax-il (16) xahar prigunerija.

**4.** Fir-rikors ta' appell tieghu tas-26 ta' Jannar 2010 l-appellant bazikament jirriproduci l-istess argumenti li huwa kien ressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tat-22 ta' Dicembru 2009 quddiem l-ewwel qorti (ara fol. 238) biex jargumenta li ma kienx hemm provi sodisfacenti li kienu jwasslu ghas-sejbien ta' htija tieghu kif sabet dik il-qorti. Huwa jinsisti li c-cekkijiet kollha ezibiti – u li jirrizulta

li huwa kien sarraf – kienu dejjem gew mimlija fil-presenza ta’ Rita Borg u li kienu minnha ffirmati (u dan kuntrarjament ghal dak li ddeponiet l-istess Borg qabel ma mietet u kuntrarjament ghar-rizultanzi tal-perizja kalligrafika). L-appellant jipprova jiskredita kemm lill-mejta Borg kif ukoll lill-prokuratur li hija kienet qabbdet warajh, cioe` lil certu John Pullicino, billi jipprova jatribwixxi motivi ulterjuri jew subdolament travisati lil dan Pullicino. Subordinatament u bla pregudizzju, l-appellant Bonnici jilmenta wkoll mill-piena – ovvjament fin-nota ta’ sottomissjonijiet imsemmija ma kienet saret ebda referenza ghall-kwistjoni tal-piena. Huwa jaghmel referenza ghal diversi sentenzi – kemm ta’ din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti tal-Magistrati – fejn f’kazi ta’ truffa u/jew approprjazzjoni indebita ma gietx applikata l-piena ta’ prigunerija b’effett immedjat izda jew piena ta’ prigunerija sospiza b’ordni ghal kumpens jew xi forma ta’ provvediment taht il-Kap. 446 (l-Att dwar il-*Probation*).

**5.** Din il-Qorti ezaminat b’reqqa kbira il-provi kollha, u tikkondividi l-fehma ta’ l-ewwel qorti dwar il-fatti li huma l-bazi ta’ din il-kawza. L-appellant jigi r-ragel tan-neputija ta’ Rita Borg (li mietet fil-mori tal-kawza quddiem il-Qorti Inferjuri mill-marda terminali li kienet hakmitha). Huwa ghamel zmien jiehu hsieb certi bzonnijiet ta’ Borg billi meta jkollha xi kontijiet xi thallas, kienet tiffirmalu cekk u hu jimla l-ammont u jibaghtu lil min kellu jithallas. Kif fissret l-istess Borg quddiem l-ewwel qorti:

**“Nghid illi l-kontijiet li jien kont nitlob lill-imputat biex ihallasli u allura kont nawtorizzah jimla c-cekkijiet li niffirma jien biex ihallasli l-kontijiet kienu ta’ dawl u ilma, *television*, tat-*telephone* u kont naghti xi donazzjonijiet bhal per ezempju [lid-]Dar tal-Provvidenza jew xi istituzzjonijiet simili. Nixtieq nerga’ nghid illi jien kull meta kelli bzonn flus kontanti dejjem hadt hsieb li ngibhom jien mill-bank, qatt ma tlabt lill-imputat biex igibli xi flus. B’mod partikolari nghid illi meta jien kont nawtorizza [recte: nawtorizzah] jimla xi cekkijiet, ghax ic-cekkijiet illi jiena tlabtu jimlili dejjem jien iffirmajthom, nghid illi**

**jien kont nghidlu biex ihallas dak il-kont u xejn aktar.”**[1]

**6.** Mill-provi, invece, jirrizultaw numru ta’ cekkijiet, kollha intestati f’isem l-appellant u li huwa jammetti li sarraf, li l-parti l-kbira taghhom il-firma fuqhom li suppost kienet ta’ Rita Borg fil-fatt ma kienitx taghha -- skond l-espert nominat mill-qorti, mis-sittax-il cekk li ezamina, tlieta biss kellhom il-firma vera ta’ Rita Borg. L-istess Borg, fid-deposizzjoni taghha quddiem l-ewwel qorti, ukoll ikkonfermat li hafna mill-firem zgur ma kienux taghha, ghalkemm dwar xi ohrajn hija kienet dubbjuza. Ghalfejn u ghal liema skop inkassa dawn il-flus, l-appellant baqa’ ma ta ebda spjegazzjoni sodisfacenti. L-appellant kellu access ghall-ktieb ta’ cekkijiet ta’ Borg, u peress li suppost, skond hu, ic-cekkijiet kollha kienet tiffirmahom quddiemu, dawn ic-cekkijiet kollha ma setghux hlief issarfu minnu meta huwa kien konsapevoli li l-firma fuqhom ma kienitx verament tal-imsemmija Borg. Huwa, ghahekk, irrelevanti, min effettivament ghamel il-firem foloz fuq ic-cekkijiet – effettivament l-appellant ma giex akkuzat li huwa ffalsifika dawn ic-cekkijiet izda biss li xjentement ghamel uzu minnhom.

**7.** Li kien hemm frodi nnominata huwa fatt palesi. Inoltre c-cekkijiet – il-ftit minnhom – li kienu effettivament iffirmati in bjank minn Borg kienu intizi biex l-appellant ihallas bihom billi jimla l-ammont u l-isem tal-persuna li lilha dak ic-cekk kellu jkun intestat, u mhux biex jithallas hu. F’dan is-sens, ghalhekk, u kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, l-uzu li ghamel mic-cekkijiet (u mill-flus li dawn gew jirraprezentaw in vista tal-firma in bjank ta’ Borg) l-appellant ma kienx dak intiz mill-istess Borg, u ghalhekk jirrizulta anke r-reat ta’ approprijazzjoni bla jedd. Kwantu, imbaghad, ghall-uzu xjenti ta’ dokument falsifikat, din il-Qorti diga` kkummentat fil-paragrafu ta’ qabel dan.

**8.** Konsegwentement l-aggravji fil-meritu qed jigu kollha respinti.

[1] Ara fol. 63 tal-atti.

**9.** Ghal dak li jirrigwarda l-piena, qed nitkellmu hawnhekk dwar tliet reati <u>kollha fil-forma kontinwata taghhom</u>. Xi whud mic-cekkijiet falsifikati li nkassa l-appellant kienu ta' aktar minn hames mitt lira, u ghalhekk tapplika l-aggravanti kontemplata fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali. Bl-Att III tal-2002 il-legislatur zied konsiderevolment il-pieni ghar-reati li jaqghu taht il-kappa generali ta' "frodi". Hekk, per ezempju, ghar-reat ta' approprjazzjoni bla jedd (Art. 293) minghajr ebda aggravanti, il-piena li qabel kienet ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn disa' xhur, illum saret ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar. Ir-reati meritu tal-kaz odjern jirrisalu ghall-periodu wara dawn l-emendi.

**10.** Il-fattispeci tal-kaz odjern huma ferm differenti minn dawk fil-kawzi kollha citati mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu. Hawnhekk ghandna l-persuna tal-appellant, li kien gie fdat minn mara anzjana biex jghinha fl-affarijiet finanzjarji taghha, li bla skruplu ta' xejn approfitta ruhhu mill-fiducja fih rivestita biex ra kif tefa' l-flus taghha f'butu. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb wara s-segwenti kumment tal-ewwel qorti fis-sentneza appellata:

**"…Rita Borg, il-vittma f'dan il-kaz, kienet mara anzjana, li tghix wahedha [u] di piu` marida b'*cancer* u li kellha fiducja ghamja fl-imputat. L-imputat pero` ghazel li jabbuza din il-fiducja f'perjodu ta' hajjitha meta Rita Borg kienet l-aktar vulnerabbli. Dawn ic-cirkostanzi, cioe` l-abbuz u sfruttament ta' persuni anzjani da parti tal-persuni l-aktar vicin taghhom u li jgawdu l-fiducja assoluta ta' dawk l-anzjani, fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrendu r-reati in ezami, odjuzi min-natura taghhom, ferm aktar odjuzi u assollutament inaccettabbli."**

**11.** Huwa minnu, kif josserva l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, li meta Borg saret taf li kellha kancer u bdiet ikollha tmur l-isptar, huwa ma baqax jghinha ghax, skond hu, "ghandu biza' mill-isptarijiet"; pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li, bhala mara anzjana u li tghix wahedha, hija kienet vulnerabbli, mard jew mhux mard. Effettivament l-

appellant mhux jghid li l-piena erogata mill-Qorti Inferjuri m'hix fil-parametri tal-ligi; huwa qed jippretendi biss li l-piena ta' prigunerija tkun sospiza jew li jitqieghed taht *probation*. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li tkun qed tonqos – u kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun qed tonqos – li kieku f'kazijiet bhal dak in dizamina ma jintbaghatx messagg car li minn jabbuza min nies vulnerabbli, anke f'materja ta' flus jew proprjeta` ohra, ghandu jistenna bla tlaqliq piena ta' prigunerija b'effett immedjat. Konsegwentement din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja b'xi mod il-piena erogata mill-ewwel qorti.

**12.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------